IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.6.2014
COM(2014) 350 final

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

## Informazzjoni finanzjarja dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

## Informazzjoni finanzjarja dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

### 1. KELMTEJN TA' QABEL

Skont l-Artikolu 7(3) tal-Ftehim Intern[1] u l-Artikoli 57(3) u (4) tal-għaxar Regolament Finanzjarju tal-FEŻ[2], il-Kummissjoni f'dan id-dokument qed tippreżenta l-istimi tal-impenji, tal-pagamenti u tal-kontribuzzjonijiet għall-perjodu 2014 u 2015, filwaqt li tqis il-previżjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI) fir-rigward tal-Faċilità ta' Investiment.

Dan id-dokument jippreżenta l-implimentazzjoni finanzjarja tal-FEŻ (8-10) għall-2013 u l-previżjonijiet tal-implimentazzjoni għall-2014 sal-2015.

L-Istati Membri jikkontribwixxu fondi direttament lill-Bank Ewropew għall-Investiment għall-istrumenti li jamministra tad-9 u l-10 FEŻ (il-Faċilità ta' Investiment u s-sussidji tar-rati tal-imgħax). Għall-istrumenti l-oħra, inkluż għall-istrumenti l-qodma amministrati mill-BEI (kapital ta' riskju u sussidji tal-imgħax), il-kontribuzzjonijiet jitħallsu lill-Kummissjoni.

### 2. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni u l-BEI aġġornaw il-previżjonijiet tagħhom għall-impenji u l-pagamenti għall-2014 u l-2015 għal kull pajjiż tal-AKP[3] u għall-OCTs[4]. B'mod partikolari, il-previżjonijiet għall-pagamenti ġew imfassla bil-għan li tingħata għajnuna lill-Istati Membri sabiex dawn jevalwaw bl-aktar mod eżatt possibbli l-ammonti li jridu jirriżervaw mill-baġits nazzjonali tagħhom filwaqt li jiżguraw li jkun hemm riżorsi finanzjarji biżżejjed disponibbli għall-FEŻ sabiex jiġu evitati problemi ta' likwidità.

F'konformità mal-Artikolu 7 tal-Ftehim Intern dwar l-10 FEŻ[5], u l-Artikolu 57(5) tar-Regolament Finanzjarju[6], l-istimi pprovduti f'dan id-dokument se jkunu aġġornati fil-komunikazzjoni ta' Ottubru 2014.

Il-grafika li ġejja turi x-xejra ġenerali fl-impenji u l-pagamenti, inkluż it-tbassir għall-2014 - 2015 (il-Kummissjoni u l-BEI).

---

1 Ftehim intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqa' fi ħdan il-Kunsill, dwar il-Finanzjament tal-Għajnuna Komunitarja permezz tal-Kwadru Finanzjarju Pluriennali għall-Perjodu 2008-2013 skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Barranin li għalihom tapplika l-Parti Erbgħa tat-Trattat tal-KE, ĠU L 247 tad-9.9.2006, p. 32.

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp

3 L-Istati tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku.

4 Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej.

5 ĠU L 247, 9.9.2006, p. 32.

6 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp

**Impenji u pagamenti grossi: xejra 1999-2015 (Miljuni ta' EUR)**[7]




| | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| IMPENJI | 2,958 | 4,007 | 1,927 | 2,125 | 4,137 | 2,972 | 4,020 | 4,049 | 3,922 | 5,241 | 4,158 | 3,113 | 3,740 | 4,430 | 5,600 | 2,571 | 5,603 |
| PAGAMENTI | 1,352 | 1,640 | 1,779 | 1,922 | 2,349 | 2,558 | 2,704 | 3,062 | 3,251 | 3,483 | 3,359 | 3,660 | 3,308 | 3,675 | 3,383 | 3,857 | 3,870 |

L-implimentazzjoni tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp, fil-31 ta' Diċembru 2013 (impenji, pagamenti u sitwazzjoni finanzjarja)

Id-dokumenti mehmuża 1, 2 u 3 juru rispettivament l-impenji, il-pagamenti u s-sitwazzjoni finanzjarja reali rreġistrati fl-2013 meta mqabbla mal-previżjonijiet li saru f'Ottubru 2013[8].

[7] Għall-2014-2015, ammonti mbassra

[8] COM(2013) 735.

## 3. TBASSIR FINANZJARJU GĦALL-2014 - 2015

It-tabella li ġejja tipprovdi aġġornament ibbażat fuq l-aktar previżjonijiet reċenti tagħna.

| **Previżjonijiet 2014-2015 (*)** | | **(**)<br>2014** | **2015** |
|---|---|---|---|
| Impenji | Il-Kummissjoni<br>BEI | 1,581<br>990 | 4,663<br>940 |
| Pagamenti | Il-Kummissjoni<br>BEI | 3,447<br>410 | 3,400<br>470 |
| Kontribuzzjonijiet | Il-Kummissjoni<br>BEI | 3,144<br>106 | 3,300<br>300 |

* ammonti grossi, jiġifieri ma tnaqqsu l-ebda diżimpenji jew irkupri/rimborżi. Dan l-approċċ huwa konformi ma' dak użat għall-baġit ġenerali tal-UE.

** Għadu mhuwiex ċar meta se jiġi rratifikat il-11-il FEŻ, u għaldaqstant mhuwiex ċar meta jistgħu jsiru l-impenji mill-fon
L-ammont ta' impenji msemmi ma jipprevedix li l-11-il FEŻ ikun fis-seħħ fl-2014 iżda jqis l-użu ta' fond temporanju, li jikkonsisti f'diżimpenji ta' FEŻ preċedenti u fondi mhux użati tal-10 FEŻ fil-31/12/2013, u diżimpenji mit-tmien, id-disa' u l-10 FEŻ matul l-2014.

## 4. IL-PREVIŻJONIJIET TAL-IMPLIMENTAZZJONI FINANZJARJA GĦAS-SNIN 2014 U 2015

Il-previżjonijiet aġġornati jinsabu fid-Dokumenti Mehmuża 1 sa 3.

Il-previżjonijiet għas-sena 2014 jikkonfermaw li l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-FEŻ għall-2014 huma ta' EUR 3 250 miljun, kif ġie deċiż mill-Kunsill f'Ottubru 2013[9].

Għandu jiġi nnutat li minħabba t-talba tal-BEI li jikkanċella t-tielet ħlas parzjali għall-2014 u bħala konsegwenza taż-żieda fil-pagamenti magħmula mill-Kummissjoni matul l-2013 u ta' dawk ippjanati għall-2014, li jiġġustifikaw żieda fil-ħtiġijiet tat-teżor, l-ammont ikkanċellat mill-BEI ġie ttrasferit lill-Kummissjoni. Dan ifisser li t-talba finali lill-Istati Membri hija ta' EUR 3 144 miljun għall-Kummissjoni u EUR 106 miljun għall-BEI (ara d-dokument mehmuż 4 għal aktar dettalji dwar il-qsim tat-talbiet għall-kontribuzzjonijiet tal-2014).

Għall-2015 il-limitu massimu previst għall-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri se jammonta għal EUR 3 300 miljun għall-Kummissjoni u EUR 300 miljun għall-BEI.

[9] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2013 – dokument tal-Kunsill 15699/13.

Ta' min jenfasizza li ċ-ċifri mhumiex ħlief previżjoni preliminari u jridu jiġu ttrattati b'kawtela. Wara s-sajf, il-Kummissjoni u l-BEI se jagħmlu previżjonijiet ġodda li jkunu aktar affidabbli. Dawn se jiġu ppreżentati fil-komunikazzjoni ta' Ottubru.

**Anness 1: Impenji grossi magħmula għall-2013, previżjoni għall-2014 u l-2015** ***(EUR miljuni)***

| | 2013 | | 2014 | | 2015 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | COM Ott 2013 | attwali 2013 | COM Ott 2013 | reveduti Ġunju 2014 | COM Ott 2013 | reveduti Ġunju 2014 |
| Reġjuni | | | | | | |
| L-Afrika tal-Lvant | 1,010 | 910 | 127 | 39 | | |
| L-Afrika tal-Punent | 1,321 | 1,544 | 213 | 342 | | |
| L-Afrika Ċentrali | 174 | 217 | 142 | 341 | | |
| Il-Karibew | 300 | 385 | 45 | 0 | | |
| Il-Paċifiku | 217 | 245 | 26 | 8 | | |
| L-Afrika tan-Nofsinhar | 428 | 649 | 147 | 192 | | |
| ***Subtotal*** | **3,450** | **3,950** | **700** | **923** | | |
| Oħrajn | | | | | | |
| Faċilità għall-Paċi | | | | 325 | | |
| Faċilità tal-Ilma u l-Enerġija | 56 | 132 | 0 | 0 | | |
| Oħrajn* | 606 | 664 | 690 | 333 | | |
| ***Subtotal*** | **662** | **796** | **690** | **658** | | |
| ***Total tal-Kummissjoni Ewrope*** | **4,112** | **4,746** | **1,390** | **1,581** | **4,663** | **4,663** |
| Faċilità ta' investiment | 855 | 798 | 900 | 900 | 850 | 850 |
| Sussidji tar-rata tal-imgħax | 60 | 56 | 90 | 90 | 90 | 90 |
| ***Total tal-BEI*** | **915** | **854** | **990** | **990** | **940** | **940** |
| **TOTAL KE+BEI** | **5,027** | **5,600** | **2,380** | **2,571** | **5,603** | **5,603** |

Impenji grossi, jiġifieri ma tnaqqsu l-ebda diżimpenji.

*Jinkludu n-nefqiet ta' sostenn, pereżempju biex jiġu sostnuti istituzzjonijiet konġunti u s-Segretarjat tal-AKP.

**Anness 2: Impenji grossi magħmula fl-2013 u previżjonijiet għall-2014 u l-2015 (EUR miljuni)**

| | 2013 | | 2014 | | 2015 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | COM Ott 2013 | attwali 2013 | COM Ott 2013 | reveduti Ġunju 2014 | COM Ott 2013 | reveduti Ġunju 2014 |
| Reġjuni | | | | | | |
| L-Afrika tal-Lvant | 392 | 341 | 438 | 448 | | |
| L-Afrika tal-Punent | 782 | 818 | 874 | 937 | | |
| L-Afrika Ċentrali | 382 | 406 | 426 | 366 | | |
| Il-Karibew | 125 | 166 | 230 | 199 | | |
| Il-Paċifiku | 64 | 69 | 130 | 79 | | |
| L-Afrika tan-Nofsinhar | 388 | 466 | 434 | 457 | | |
| ***Subtotal*** | ***2,133*** | ***2,266*** | ***2,532*** | ***2,486*** | | |
| Oħrajn | | | | | | |
| Faċilità għall-Paċi | 257 | 235 | 287 | 370 | | |
| Faċilità tal-Ilma u l-Enerġija | 111 | 98 | 119 | 69 | | |
| Oħrajn | 341 | 451 | 382 | 522 | | |
| ***Subtotal*** | ***709*** | ***784*** | ***788*** | ***961*** | ***0*** | ***0*** |
| ***Total tal-Kummissjoni Ewrop*** | ***2,842*** | ***3,050*** | ***3,320*** | ***3,447*** | ***3,400*** | ***3,400*** |
| Faċilità ta' investiment | 285 | 277 | 330 | 330 | 390 | 390 |
| Sussidji tar-rata tal-imgħax* | 27 | 56 | 80 | 80 | 80 | 80 |
| ***Total tal-BEI*** | ***312*** | ***333*** | ***410*** | ***410*** | ***470*** | ***470*** |
| **TOTAL KE+BEI** | **3,154** | **3,383** | **3,730** | **3,857** | **3,870** | **3,870** |

Pagamenti grossi, jiġifieri ma tnaqqsu l-ebda rkupri.

* Inklużi s-sussidji tar-rata tal-imgħax fil-qafas tal-FEŻ preċedenti.

**Anness 3: Sitwazzjoni finanzjarja attwali għall-2013 u previżjonijiet għall-2014 u l-2015 (EUR miljuni)**

| | | COM Ottubru 2013[1] | | | Reveduti Ġunju 2014 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Il-Kummissjoni | BEI | TOTAL | Il-Kummissjoni | BEI | TOTAL |
| | **Bilanċ 31/12/2012 [2]** | **586** | **144** | **730** | **586** | **144** | **730** |
| 2013 | Kontribuzzjonijiet 2013, li minnhom: | 2,950 | 250 | 3,200 | 2,950 | 250 | 3,200 |
| | *L-ewwel pagament parzjali* | 1,850 | 100 | 1,950 | 1,850 | 100 | 1,950 |
| | *It-tieni pagament parzjali* | 850 | 100 | 950 | 850 | 100 | 950 |
| | *It-tielet pagament parzjali* | 250 | 50 | 300 | 250 | 50 | 300 |
| | Kontribuzzjonijiet tal-2013 riċevuti fl-201 | -293 | | -293 | -293 | | -293 |
| | Kontribuzzjonijiet tal-2012 riċevuti fl-201 | 0 | | 0 | 0 | | 0 |
| | Kontribuzzjonijiet tal-2014 irċevuti fl-2013 | | | 0 | 304 | | 304 |
| | Rifużjonijiet [3] | | 145 | 145 | | 163 | 163 |
| | Irkupri, imgħax u oħrajn | 100 | | 100 | 158 | | 158 |
| | Ħlasijiet totali [4] | -2,842 | -312 | -3,154 | -3,050 | -333 | -3,383 |
| | **Bilanċ 31/12/2013 [5]** | **501** | **227** | **728** | **655** | **224** | **879** |
| 2014 | Kontribuzzjonijiet 2014, li minnhom: | 3,100 | 150 | 3,250 | 3,144 | 106 | 3,250 |
| | *L-ewwel pagament parzjali* | 2,000 | 0 | 2,000 | 2,000 | 0 | 2,000 |
| | *It-tieni pagament parzjali* | 850 | 106 | 956 | 850 | 106 | 956 |
| | *It-tielet pagament parzjali* | 250 | 44 | 294 | 294 | 0 | 294 |
| | Kontribuzzjonijiet tal-2014 riċevuti fl-2013 | | | | -304 | | -304 |
| | Rifużjonijiet [3] | | 120 | 120 | | 200 | 200 |
| | Irkupri, imgħax u oħrajn | 50 | | 50 | 100 | | 100 |
| | Ħlasijiet totali [4] | -3,320 | -410 | -3,730 | -3,447 | -410 | -3,857 |
| | **Bilanċ fil-31/12/2014** | **331** | **87** | **418** | **148** | **120** | **268** |
| 2015 | Kontribuzzjonijiet 2015: | 3,300 | 300 | 3,600 | 3,300 | 300 | 3,600 |
| | Rifużjonijiet [3] | | 120 | 120 | | 200 | 200 |
| | Irkupri, imgħax u oħrajn | 50 | | 50 | 100 | | 100 |
| | Ħlasijiet totali [4] | -3,400 | -470 | -3,870 | -3,400 | -470 | -3,870 |
| | **Bilanċ fil-31/12/2015** | **281** | **37** | **318** | **148** | **150** | **298** |

[1] COM(2013)735

[2] Fondi disponibbli għall-operazzjonijiet,

[3] Netti mit-tariffi tal-ġestjoni tal-BEI.

[4] Inklużi s-sussidji tar-rata tal-imgħax fil-qafas tal-FEŻ preċedenti.

[5] Dawn il-bilanċi ma jinkludux:

- il-bilanċ tal-kofinanzjamenti riċevuti li jammontaw għal EUR 100 miljun fil-31.12.2013;
- riċevuti fil-bank li għadhom ma ġewx allokati għal-linja speċifika tal-FEŻ għall-ammont ta' tliet miljuni
- Fond speċjali tad-DRC għall-ammont ta' 1 miljun

**Anness 4: Kontribuzzjoni prevista tal-Istati Membri tal-2014 (f'eluf ta' EUR)**

| L-ISTATI MEMBRI | Taqsim tad-9 FEŻ % | Taqsim tal-10 FEŻ % | -ewwel pagament parzja | | It-tieni pagament parziali | | It-tielet pagament parziali | | Total tal-BEI | Total tal-Kummissjoni | Total 2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | imħallas lil BEI id-9 FEŻ | imħallas lil l-Kummissjon l-10 FEŻ | imħallas lil BEI id-9 FEŻ | imħallas lil -Kummissjon l-10 FEŻ | imħallas lil BEI l-10 FEŻ | imħallas lil -Kummissjon l-10 FEŻ | | | |
| **IL-BELĠJU** | 3.92 | 3.53 | | 70,600,000.00 | 4,143,095.94 | 30,005,000.00 | | 10,389,099.83 | 4,143,095.94 | 110,994,099.83 | **115,137,195.77** |
| **ID-DANIMARKA** | 2.14 | 2.00 | | 40,000,000.00 | 2,261,792.17 | 17,000,000.00 | | 5,886,175.54 | 2,261,792.17 | 62,886,175.54 | **65,147,967.71** |
| **IL-ĠERMANJA** | 23.36 | 20.50 | | 410,000,000.00 | 24,689,469.69 | 174,250,000.00 | | 60,333,299.29 | 24,689,469.69 | 644,583,299.29 | **669,272,768.98** |
| **IL-GREĊJA** | 1.25 | 1.47 | | 29,400,000.00 | 1,321,140.29 | 12,495,000.00 | | 4,326,339.02 | 1,321,140.29 | 46,221,339.02 | **47,542,479.31** |
| **SPANJA** | 5.84 | 7.85 | | 157,000,000.00 | 6,172,367.42 | 66,725,000.00 | | 23,103,239.00 | 6,172,367.42 | 246,828,239.00 | **253,000,606.42** |
| **FRANZA** | 24.30 | 19.55 | | 391,000,000.00 | 25,682,967.19 | 166,175,000.00 | | 57,537,365.91 | 25,682,967.19 | 614,712,365.91 | **640,395,333.09** |
| **L-IRLANDA** | 0.62 | 0.91 | | 18,200,000.00 | 655,285.58 | 7,735,000.00 | | 2,678,209.87 | 655,285.58 | 28,613,209.87 | **29,268,495.45** |
| **L-ITALJA** | 12.54 | 12.86 | | 257,200,000.00 | 13,253,679.36 | 109,310,000.00 | | 37,848,108.72 | 13,253,679.36 | 404,358,108.72 | **417,611,788.09** |
| **IL-LUSSEMBURGU** | 0.29 | 0.27 | | 5,400,000.00 | 306,504.55 | 2,295,000.00 | | 794,633.70 | 306,504.55 | 8,489,633.70 | **8,796,138.24** |
| **IL-PAJJIŻI L-BAXX** | 5.22 | 4.85 | | 97,000,000.00 | 5,517,081.84 | 41,225,000.00 | | 14,273,975.68 | 5,517,081.84 | 152,498,975.68 | **158,016,057.53** |
| **L-AWSTRIJA** | 2.65 | 2.41 | | 48,200,000.00 | 2,800,817.41 | 20,485,000.00 | | 7,092,841.53 | 2,800,817.41 | 75,777,841.53 | **78,578,658.94** |
| **IL-PORTUGALL** | 0.97 | 1.15 | | 23,000,000.00 | 1,025,204.86 | 9,775,000.00 | | 3,384,550.94 | 1,025,204.86 | 36,159,550.94 | **37,184,755.80** |
| **IL-FINLANDJA** | 1.48 | 1.47 | | 29,400,000.00 | 1,564,230.10 | 12,495,000.00 | | 4,326,339.02 | 1,564,230.10 | 46,221,339.02 | **47,785,569.12** |
| **L-ISVEZJA** | 2.73 | 2.74 | | 54,800,000.00 | 2,885,370.39 | 23,290,000.00 | | 8,064,060.49 | 2,885,370.39 | 86,154,060.49 | **89,039,430.88** |
| **IR-RENJU UNIT** | 12.69 | 14.82 | | 296,400,000.00 | 13,412,216.20 | 125,970,000.00 | | 43,616,560.75 | 13,412,216.20 | 465,986,560.75 | **479,398,776.95** |
| **Subtotal EUR-15** | 100.00 | 96.38 | 0.00 | 1,927,600,000.00 | 105,691,222.99 | 819,230,000.00 | 0.00 | 283,654,799.28 | 105,691,222.99 | 3,030,484,799.28 | **3,136,176,022.27** |
| **IL-BULGARIJA** | | 0.14 | | 2,800,000.00 | | 1,190,000.00 | | 412,032.29 | 0.00 | 4,402,032.29 | **4,402,032.29** |
| **IR-REPUBBLIKA ĊEKA** | | 0.51 | | 10,200,000.00 | | 4,335,000.00 | | 1,500,974.76 | 0.00 | 16,035,974.76 | **16,035,974.76** |
| **L-ESTONJA** | | 0.05 | | 1,000,000.00 | | 425,000.00 | | 147,154.39 | 0.00 | 1,572,154.39 | **1,572,154.39** |
| **ĊIPRU** | | 0.09 | | 1,800,000.00 | | 765,000.00 | | 264,877.90 | 0.00 | 2,829,877.90 | **2,829,877.90** |
| **IL-LATVJA** | | 0.07 | | 1,400,000.00 | | 595,000.00 | | 206,016.14 | 0.00 | 2,201,016.14 | **2,201,016.14** |
| **IL-LITWANJA** | | 0.12 | | 2,400,000.00 | | 1,020,000.00 | | 353,170.53 | 0.00 | 3,773,170.53 | **3,773,170.53** |
| **L-UNGERIJA** | | 0.55 | | 11,000,000.00 | | 4,675,000.00 | | 1,618,698.27 | 0.00 | 17,293,698.27 | **17,293,698.27** |
| **MALTA** | | 0.03 | | 600,000.00 | | 255,000.00 | | 88,292.63 | 0.00 | 943,292.63 | **943,292.63** |
| **IL-POLONJA** | | 1.30 | | 26,000,000.00 | | 11,050,000.00 | | 3,826,014.10 | 0.00 | 40,876,014.10 | **40,876,014.10** |
| **IR-RUMANIJA** | | 0.37 | | 7,400,000.00 | | 3,145,000.00 | | 1,088,942.47 | 0.00 | 11,633,942.47 | **11,633,942.47** |
| **IS-SLOVENJA** | | 0.18 | | 3,600,000.00 | | 1,530,000.00 | | 529,755.80 | 0.00 | 5,659,755.80 | **5,659,755.80** |
| **IS-SLOVAKKJA** | | 0.21 | | 4,200,000.00 | | 1,785,000.00 | | 618,048.43 | 0.00 | 6,603,048.43 | **6,603,048.43** |
| **Subtotal EUR-12** | | 3.62 | 0.00 | 72,400,000.00 | 0.00 | 30,770,000.00 | 0.00 | 10,653,977.73 | 0.00 | 113,823,977.73 | **113,823,977.73** |
| **TOTAL EUR-27** | 100.00 | 100.00 | 0.00 | 2,000,000,000.00 | 105,691,222.99 | 850,000,000.00 | 0.00 | 294,308,777.01 | 105,691,222.99 | 3,144,308,777.01 | **3,250,000,000.00** |